# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 24 ta' Frar 2022**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1046/2017 JVC**

**Maria Lourdes Sciberras (116743M) u Nicholas Sciberras (312980M), Marie Antoinette Borg (0380581M) u Maria Bonavia (0535683M)**

**vs**

**Gerolamo *sive* Jimmy Vassallo (267079M) u Maria Nicholina *sive* Marie Colette Cassar (312284M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Maria Lourdes Sciberras et ikkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. 'Premess illi r-rikorrenti tgawdi minn titolu ta' kera fuq ir-raba maghruf bhala Tas-Salvatur, limiti tas-Siggiewi tal-kejl ta' circa 11241 metri kwadra, u li huwa indikat fil-pjanta hawn annessa bhala dokument 'A' u dana wara li kienet giet rikonoxxuta mis-sid ta' din ir-raba, li kienet il-Kurja Arciveskovili, u sussegwentement il-Joint Office;

2. U billi ghall-ahjar konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti jigi spjegat li r-rikorrenti giet rikonoxxuta mill-Kurja bhala l-inkwilina wara li missierha kien cedha t-titolu ta' qbiela lilha (b'eskluzjoni ta' l-ahwa kollha inkluz huha John Vassallo u uliedu, l-intimati) permezz ta' ftehim datat it-18 ta' Lulju 1979 (hawn anness bhala Document 'B'), liema ftehim gie debitament rikonoxxut mill-Kurja li kienet l-proprjetarja tal-istess raba, u b'hekk inhargu l-ircevuti relattivi (kopja ta' liema rcevuti huma hawn annessi bhala Dokument 'C');

3. U billi l-ftehim ta' cessjoni gja kien jifforma l-mertu ta' proceduri ohra li gew ricentement decizi, u cioe l-proceduri fl-ismijiet John Vassallo vs Alfred Farrugia et (numru 475/89MLF) liema kawza giet deciza finalment u definittivament mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) fis-16 ta' Gunju 2017 u dana fis-sens li gie konfermat li hija r-rikorrenti li ghandha t-titolu validu ta' qbiela fuq l-istess raba u mhux l-intimati. Kopja tas-sentenzi relattivi tal-Prim' Istanza u ta' l-Appell huma hawn annessi bhala dokumenti 'D' u 'E' rispettivament;

4. U billi dawn is-sentenzi premessi ghaddew in gudikat u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju dwar it-titolu li r-rikorrenti ghandha fuq dan ir-raba;

5. U billi minkejja din id-decizjoni favur ir-rikorrenti, l-intimati xorta wahda baqghu jokkupaw dan ir-raba u qed jirrifjutaw illi jizgombraw minnha u jghaddu l-pussess taghha lir-rikorrenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

6. U billi r-rikorrenti qieghda tirriserva d-drittijiet taghha ghal hlas tad-danni u telf ta' qliegh kollha sofferti inkluz it-telf ta' prodott, sussidju tal-Gvern u kumpens ghall-okkupazzjoni minghajr titolu da parti ta' l-intimati ghal dawn l-ahhar tletin sena;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgboha prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-intimati qeghdin jokkupaw ir-raba maghrufa bhala Tas-Salvatur fuq imsemmija limiti tas-Siggiewi kif indikat fil-pjanta annessa mar-rikors bhala dokument 'A' minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, jizgombraw mill-istess raba u jroddhu l-pussess taghha lura lir-rikorrenti inkluz billi jikkonsenjaw lil rikorrenti c-cavetta tax-xatba li hemm f'tarf l-isqaq li jaghti ghall-istess raba u l-imfietah tar-razzett li qieghed fl-istess raba;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar 1989.

L-intimati huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Gerolamo Vassallo et li taqra kif isegwi:

1. 'Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-mejjet John Vassallo kien sub-kunduttur ossia sub-inkwilin tal-ghalqa maghrufa bhala ta' Salvatur sive ta' Lotlot, limiti tas-Siggiewi, tal-kejl ta' circa 11,241 metri kwadri skond il-pjanta Dokument A fil-process u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghall-izgumbrament ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Illi a tenur tal-Artikolu 1525 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tisma din il-kawza stante li l-fond in kwistjoni kien imwilli lill-John Vassallo minghand il-mejta genituri tieghu Giuseppi u Antonia Vassallo qabel ma inghatat lill-intimata Maria Lourdes Sciberras bil-kuntratt fazull tat-18 ta' Lulju 1979 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius.

3. Illi a tenur tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta, l-armla tal-mejjet John Vassallo, ossia Kalcedonia Vassallo hija l-legittima kontradittrici u ghalhekk messha kienet parti in kawza u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u l-imsemmija Kalcedonia Vassallo tigi se mai kjamata in kawza.

4. Illi jirrizulta illi dan il-fond gie imwilli lil John Vassalo fid-29 ta' Novembru 1974 u parti fis-27 ta' Frar 1975 kif jirrizulta mir-records tal-Ghammieri, u mhux minnu li hemm nota li dan ir-raba qed jinhadem mill-ahwa Vassallo, ulied il-mejjet John Vassallo, imma dan ir-raba kien qed jinhadem biss minn John Vassallo.

5. Illi b'kuntratt tas-7 ta' Novembru 1976 fl-atti tan-Nutar Nikola Said li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dokument GV1** il-mejjet Giuseppe Vassallo bil-kuntratt ta' bejgh imsemmi bejn il-mejjet Giuseppe Vassallo u l-intimata Maria Lourdes Sciberras, missierha kien bieghlha ir-raba maghruf bhala ta' Ta' Bur ix-Xewk biswit l-art tas-Salvatur u jew ta' Lotlot limiti tas-Siggiewi, ossia l-art in kwistjoni, fejn hemm referenza u hemm imnizzel illi din l-art li kienet ser tinbiegh ghandha "…u ghad-dritt ta' passagg u ghall-uzu tal-ilma tal-bir li jinsab f'din l-ghalqa versu raba iehor vicin tal-venditur Giuseppi Vassallo li qieghda bi qbiela ghand ibnu John Vassallo……..".

6. Illi minn dan jirrizulta li b'din id-dikjarazzjoni sia tal-mejjet Giuseppe Vassallo u tal-istess Maria Lourdes Vassallo illi r-raba in kwistjoni kien sullokat lil John Vassallo bid-dikjarazzjoni taghhom stess. Hija art li tmiss mar-raba ta' Bur ix-Xewk, limiti tas-Siggiewi, li minnha Maria Lourdes Sciberras kellha thalli lill-mejjet John Vassallo jghaddi ghall-qbiela tar-raba imqabbel ghandu mill-mejjet Giuseppi Vassallo u dan skond il-pjanta Dokument A fil-process u li ghad jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

7. Illi barra minn hekk l-mejjet Giuseppi Vassallo bit-testement tieghu tal-4 ta' Marzu 1987 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone halla l-istess raba bi prelegat lill-attur li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dokument GV2** liema proprjeta kienet diga giet imqabbla lilu mill-mejjet Giuseppi u Antonia Vassallo.

8. Illi hut il-kontendenti ahwa Vassallo ossia Dottor Nicholas Vassallo, il-mejta Suor Stefania fis-seklu Maria Rosaria Vassallo u Maria Konsolata Camilleri u zewgha Alfred Camilleri kollha xehdu u jistghu jixhdu illi l-art in kwistjoni kienet sullokata lill-

mejjet John Vassallo kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza. Qed jigi ezebit hawnhekk affidavit tal-mejta Suor Stefania fis-seklu Maria Rosaria Vassallo, bhala **Dokument GV3**.

9. Salv eccezzjonijiet ohra.'.

Rat l-affidavits, xiehda, pjanti, ricevuti, sentenzi, skrittura privata, kuntratti, testment, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-25 ta' Jannar, 2018 il-Qorti kif diversament ippreseduta ddikjarat li ser tkompli tisma' l-kawza fuq it-talbiet u l-eccezzjonijiet b'dan li jekk jirrizulta mill-provi li l-intimat ghandu titolu ta' qbiela ta' sub-inkwilinat il-Qorti mbaghad ikollha tikkonsidra t-tieni eccezzjoni;

Rat illi fl-istess verbal tal-25 ta' Jannar, 2018 il-Qorti fuq talba tar-rikorrenti, li ma gietx opposta, ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza 475/1989 deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-16 ta' Gunju, 2017;

Rat illi fit-12 ta' Frar, 2019 sar access mill-Qorti kif diversament preseduta fejn saru l-konstatazzjonijiet kollha necessarji;

Rat illi fil-verbal tat-18 ta' Gunju, 2020 il-partijiet ikkonfermaw li l-kawza f'dan l-istadju qed jingabru provi dwar l-eccezzjonijiet preliminari u cioe' t-tieni eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni u t-tielet eccezzjoni dwar il-legittimu kontradittur;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Ottubru, 2021 Dr Edward Debono ghall-intimati ddikjara li fir-rigward tat-tielet eccezzjoni stante l-mewt ta' Kalcedonia Vassallo, qed jirtira t-tielet eccezzjoni fir-risposta a fol. 40 tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 6 ta' Ottubru, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni dwar it-tieni eccezzjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti Maria Lourdes Sciberras et qed jitolbu l-izgumbrament u r-ritorn lura tal-pussess tal-porzjon raba maghrufa bhala tas-Salvatur fil-limiti tas-Siggiewi tal-kejl ta' cirka 11,241 m.k. liema art hija detenuta mill-istess rikorrenti Maria Lourdes Sciberras taht titolu ta' qbiela originarjament minghand il-Kurja Arciveskovili u sussegwentement minghand il-Joint Office.

Id-decizjoni odjerna hija wahda preliminari li titratta unikament l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni tal-Qorti odjerna stante li l-intimati jsostnu li r-raba msemmija maghruf bhala 'Tas-Salvatur' jew 'Ta' Lot Lot' kien imwilli lill-missierhom John Vassallo mill-mejta genituri tieghu Giuseppe u Antoina konjugi Vassallo qabel ma nghata lir-rikorrenti Maria Lourdes Sciberras bil-kuntratt skonthom fazull tat-18 ta' Lulju, 1979 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius.

**<u>It-Tieni eccezzjoni - Nuqqas ta' Gurisdizzjoni:</u>**

L-intimati Gerolamo sive Jimmy Vassallo et. fit-tieni eccezzjoni jeccepixxu n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ai termini tal-Artikolu 1525 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) stante li jsostnu li l'porzjon art maghrufa bhala 'Tas-Salvatur' jew kif isejhula l-intimati 'Ta' Lot Lot' fil-limiti tas-Siggiewi tal-kejl ta' cirka 11,241 m.k. kienet imwellija lill-missierhom John Vassallo minghand il-genituri tieghu Giuseppe u Antonia konjugi Vassallo qabel ma giet moghtija lir-rikorrenti Maria Lourdes Sciberras bl-iskrittura tat-18 ta' Lulju, 1979. Isostnu ghalhekk li huma jgawdu minn titolu ta' sullokazzjoni.

Illi qabel xejn il-parti l-aktar ta' rilevanza ghal kaz odjern fl-Artikolu 1525 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponi kif isegwi:

> 'Kirjiet oħra jaqgħu taħt il-kompetenza tal-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili u **fil-każ ta' kiri ta' raba għandhom jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba maħtur bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba**:
>
> Iżda kwistjonijiet dwar il-validità ta' kuntratt ta' kirja, għandhom jiġu mistħarrġa mill-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, b'dan illi kull kwistjoni oħra in segwitu għad-determinazzjoni ta' tali kwistjonijiet dwar validità għandha tkun fil-kompetenza tal-Bord tal-Kera.' (enfazi tal-Qorti).

Illi minn harsa lejn l-artikolu appena kwotat u l-eccezzjoni tal-intimati, jinsorgi li l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa jekk kinitx tezisti qbiela a favur il-mejjet John Vassallo – missier l-

intimat jew le fuq l-art maghrufa bhala 'Tas-Salvatur' sive 'Ta' Lot Lot' li hija l-art bl-ittra E indikata bil-kulur ahdar fil-pjanta esebita mal-affidavit tar-rikorrenti Maria Lourdes Sciberras a fol. 59 tal-process. Fl-eventwalita' li jirrizulta li tezisti qbiela huwa l-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba li ghandu gurisdizzjoni li jisma' u jitratta l-kaz.

Il-Qorti tqis li f'dan l-istadju u ghall-ahjar intendiment ghandha tirriproduci kopja ta' din il-pjanta a fol 59 u dana peress li z-zewg partijiet jaghmlu referenza kontinwa ghal diversi porzjonijiet raba proprjeta' taghhom li huma attigwi ghal xulxin, u li ghandhom ismijiet varji, b'tali mod li taghmilha difficli tifhem il-konfigurazzjoni u l-argumenti tal-partijiet jekk ma jkunx hemm pjanta bhal dik li qed tigi riprodotta hawn taht:




Illi l-intimati Gerolamo sive Jimmy Vassallo et iressqu tlett (3) argumenti li a bazi taghhom jishqu li l-art 'Tas-Salvatur' sive 'Ta'

Lot Lot' kienet imwellija ghand missierhom John Vassallo. Dawn huma:

1. A bazi tal-kuntratt ta' bejgh bejn Giuseppe Vassallo u bintu r-rikorrenti Maria Lourdes Sciberras tas-7 ta' Novembru, 1976 fl-atti tan-Nutar Nicola Said tal-art maghrufa bhala 'Ta' Trejqa' fil-kuntrada ta' 'Bur ix-Xewk' tal-kejl superficjali ta' cirka tomnejn sighajn u hames kejliet (2t 1s 5k) li hija ndikata fuq il-pjanta hawn riprodotta bl-ittra D (ara kuntratt a fol. 43 *et seq* tal-process). L-intimati jaghmlu referenza partikolari ghas-segwenti parti tal-kuntratt:

> '... u ghad dritt tal passag u ghall'usu tal ilma tal bir li jinsab f'din il ghalqa versu raba iehor vicin tal venditur Giuseppe Vassallo bi qbiela ghand ibnu Giovanni Vassallo u libera u franka minn pisijiet u minn servitujiet ohra.'

Illi l-intimati jargumentaw li fejn fuq il-kuntratt imsemmi gie ndikat li d-dritt ta' passagg kien versu raba iehor tal-venditur Giuseppe Vassallo bi qbiela ghand ibnu Giovanni Vassallo dawn kienu qed jirreferu ghar-raba mertu tal-kawza odjerna maghruf bhala 'Tas-Salvatur' sive 'Ta' Lot Lot' liema raba skont l-intimati imiss mar-raba mqabbel lil John Vassallo u l'ebda raba iehor. Skont l-intimati dan ghandu jigi nterpretat fis-sens li allura Giovanni Vassallo kien gja jiddetjeni l-art mertu tal-kawza b'titolu ta' sullokazzjoni qabel ma' l-art inbieghet lir-rikorrenti Maria Lourdes Sciberras.

Illi r-rikorrenti cahdu l-interpretazzjoni moghtija mill-intimati lill-kuntratt tas-7 ta' Novembru, 1976 fl-atti tan-Nutar Nicola Said. Isostnu li r-referenza '*...versu raba iehor vicin tal venditur Giuseppe Vassallo bi qbiela ghand ibnu Giovanni Vassallo...*' kienu jirreferu

ghar-raba maghruf bhala 'Ta' Pawlu' u li huwa ndikat fuq il-pjanta bl-ittra 'B'. Jispjegaw li r-raba ndikat bl-ittra 'B' u maghruf bhala 'Ta' Pawlu' flimkien mar-raba li kien inbiegh lir-rikorrenti immarkat bl-ittra 'D' u maghruf bhala 'Tat-Trejqa' kienu l-unici zewg porzjoniijiet art li kienu proprjeta' tal-mejjet Giuseppe Vassallo u li ma kinux detenuti ghandu bi qbiela. Jargumentaw imbaghad li fil-kuntratt tas-16 ta' Jannar, 1977 fl-atti tan-istess Nutar Nicola Said fejn l-fond mibjugh lir-rikorrenti Maria Lourdes Sciberras gie liberat mis-servitu` ma ssir l-ebda referenza ghal qbiela msemmija.

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa d-dokumenti kollha avvanzati mill-partijiet minn fejn setghet tikkonstata illi huwa minnu li fil-kuntratt tas-7 ta' Novembru, 1976 issir referenza ghall-qbiela f'idejn Giovanni Vassallo – missier l-intimati. Madanakollu l-Qorti tinnota wkoll li fl-imsemmi kuntratt mhux specifikat ghal liema raba kienu qeghdin jirreferu. Dan qieghed jinghad ghaliex il-mejjet Giuseppe Vassallo kellu diversi porzjonijiet raba fl-istess inhawi u dan kif jidher car mill-pjanta li giet riprodotta aktar il-quddiem.

Il-Qorti setghet tinnota wkoll li fil-kuntratt sussegwenti li sar biss xahrejn u ftit jiem wara precizament fis-16 ta' Jannar, 1977 (fejn saret il-liberazzjoni mis-servitu ta' passagg u ta' l-uzu tal-bir) gie ndikat b'aktar precisazzjoni li l-art li kienet ser tgawdi mis-servitujiet u li kienet detenuta bi qbiela ghand ibnu Giovanni Vassallo kienet il-proprjeta' tal-mejjet Giuseppe Vassallo. Il-Qorti ser tikkwota *ad verbatim* dak li nghad fl-imsemmi kuntratt illi:

> '... liema ghalqa giet mibjugha mill-komparenti Giuseppe Vassallo lil binthu l-komparenti Maria Lourdes Vassallo b'att tieghi tas-sebgha ta' Novembru elf disa' mija sitta u sebghin (1976) bhala soggetta ghal-imsemmija servitu ta'

passag u ghal-uzu tal-imsemmi bir **versu ghalqa ohra vicina tal-komparenti Giuseppe Vassallo** bi qbiela ghand ibnu Giovanni Vassallo.'

L-unika bicca art li kien fadal li kienet proprjeta' tal-mejjet Giuseppe Vassallo kienet dik maghrufa bhala 'Ta' Pawlu' immarkata bl-ittra 'B' fuq il-pjanta riprodotta aktar il' quddiem. Infatti sussegwentament din il-porzjon maghrufa bhala 'Ta' Pawlu' kienet inbieghet minn Giuseppe Vassallo lill-ibnu Giovanni Vassallo biex b'hekk it-titolu ta' qbiela li missieru kien tah spicca mal-konverzjoni tieghu bhala sid l-ghalqa (ara kuntratt ta' bejgh a fol. 184 *et seq* tal-process).

Jigi nnutat ukoll li fl-iskrittura ta' cessjoni datata 18 ta' Lulju, 1979 li saret quddiem in-Nutar Antoine Agius mill-mejjet Giuseppe Vassallo favur bintu Maria Lourdes Sciberras tal-qbiela fuq ir-raba mertu tal-kawza maghruf bhala 'Tas-Salvatur' ma sar l-ebda accenn li dan ir-raba kien sullokat lil Giovanni Vassallo aktar u aktar ikkunsidrat li din kienet cessjoni ta' qbiela! Pjuttost fl-iskrittura ta' cessjoni gie ddikjarat minn Giuseppe Vassallo li r-raba kien ghadu fil-pussess tieghu u hallas lil ibnu Giovanni Vassallo ta' '*...kwalunque xoghol li hu qieghed jghinu f'dan ir-raba u f'raba iehor.*' u ma sarx accenn li dan kien issolukat lilu (ara kopja tal-iskrittura a fol. 5 *et seq* tal-process).

Huwa evidenti anke mill-provi prodotti li l-porzjon art maghrufa bhala 'Ta' Lot Lot' sive 'Tas-Salvatur' ma kinitx proprjeta' tal-mejjet Giuseppe Vassallo pero' kienet detenuta minnu b'titolu ta' qbiela. Isegwi li l-argument tal-intimati li r-referenza fil-kuntratt tas-7 ta' Novembru, 1976 kienet ghal art 'Tal-Lot Lot' sive 'Tas-Salvatur' ma jregix u fil-fehma tal-Qorti ma tressqux provi sufficjenti anke minimament *prima facie* li jippruvaw li r-referenza

hemm maghmula kienet ghar-raba 'Tas-Salvatur' jew 'Ta' Lot Lot'. Dan gia gie notat u deciz ukoll milll-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoi esebita fl-atti a fol 23 et seq tal-process fl-ismijiet **John Vassallo vs. Alfred Farrugia et.** datata 24 ta' Novembru, 2014.

2. A bazi tat-testment tal-mejjet Giuseppe Vassallo datat 4 ta' Marzu, 1987 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone (ara testment a fol. 47 *et seq* tal-process).

Illi l-intimati jsostnu li bl-imsemmi testment l-mejjet Giuseppe Vassallo halla l-porzjon art maghrufa bhala 'Tas-Salvatur' jew 'Ta' Lot Lot' bi prelegat lil missierhom il-mejjet Giovanni Vassallo kf isegwi:

> ' Is-Seba Artikolu
>
> It-testaturi jhallu b'titolu ta prelegat lil binhom Giovanni l-qbiela tal-ghalqa msejha ta Lotlot limiti ta' Kandja Mqabba.'

Il-Qorti tibda billi tirrileva li ma tistax ma tinnutax il-kontradizzjonijiet tal-intimati u dan ghaliex filli jittentaw jargumentaw li ghandhom titolu ta' sullokazzjoni u filli jsostnu li t-titolu taghhom huwa derivanti mill-prelegat fit-testment tal-4 ta' Marzu, 1987 (ara testment a fol. 47 *et seq* tal-process). Dawn il-kontradizzjonijiet ma jawgurawx tajjeb lill-intimati u dan peress li fil-fehma tal-Qorti huwa prova evidenti li l-intimati mhumiex konvinti mit-tesi taghhom.

Illi kif gia nghad aktar il' quddiem, il-mejjet Giuseppe Vassallo kien iddispona mill-qbiela tal-art maghrufa bhala 'Tas-Salvatur' jew 'Tal-Lot Lot' billi kien ceda l-istess qbiela permezz ta' skrittura ta' cessjoni datata 18 ta' Lulju, 1979 li saret quddiem in-Nutar

Antoine Agius a fol. 5 *et seq* tal-process favur ir-rikorrenti. Din il-kwistjoni kienet gia gie trattata u deciza fid-decizjoni bejn l-istess partijiet u ohrajn bic-citazzjoni numru: 475/1989 fl-ismijiet **John Vassallo vs Alfred Farrugia et** deciza kemm mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16 ta' Novembru, 2015 (a fol. 8 *et seq* tal-process) u mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-16 ta' Gunju, 2017 (a fol. 23 *et seq* tal-process) fejn gie ritenut mill-Qorti tal-Appell illi:

> '...Ladarba fl-1979 il-qbiela kienet giet trasferita lill-konvenuta, il-prelegat imholli lill-attur bit-testment tal-4 ta' Marzu, 1987 ma seta' jkollu l-ebda effett peress li dakinhar kien diga' sar it-trasferiment tal-qbiela lill-konvenuta. Dan irrispettivament jekk il-konvenuta kinitx giet rikonoxxuta minn sid il-kera.'.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li nghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni citata u l-istess argument taghmlu taghha. Isegwi li l-argument tal-intimati li ghandhom titolu ta' qbiela ai termini tat-testment tal-4 ta' Marzu, 1987 mhux legalment gustifikat.

3. It-tielet u l-ahhar argument li l-intimati jressqu sabiex jittentaw jippruvaw it-titolu ta' qbiela fuq l-art mertu tal-kawza huwa dak a bazi tax-xhieda li gew imressqa fil-mori tal-kawza li jikkonsistu minn Suor Stephania fis-seklu Maria Rosaria Vassallo (a fol. 49 *et seq* tal-process), Dottor Nicholas Vassallo (a fol. 95 *et seq* tal-process), Alfred Camilleri (a fol. 128 *et seq* tal-process) u Kalcedonia Vassallo (a fol. 130 *et seq* tal-process).

Illi x-xhieda kollha elenkati jsostnu li l-mejjet Giovanni Vassallo – missier l-intimati kien ha l-qbiela kollha ta' missieru peress li kien l-uniku membru tal-familja 'full-time farmer'. Isostnu li Giovanni

Vassallo kien jaghti l-qbiela lil Giuseppe Vassallo fl-ammont ta' Lm 10 fis-sena u kien hemm okkazzjonijiet fejn kienu jwasslu lill-missierhom ihallas l-imsemmija qbiela.

Jinghad mill-ewwel li l-Qorti hija propensa li ma temminx il-verzjoni tal-fatti hekk kif esposta mix-xhieda msemmija. Fl-atti ma tressqet l-ebda prova konsistenti f'ricevuta tal-hlas tal-imsemmi qbiela/sullokazzjoni minn Giovanni Vassallo lil missieru Giuseppe Vassallo.

Dan premess, mid-dokumenti li gew elenkati aktar il-quddiem partikolarment l-iskrittura ta' cessjoni rrizulta li a kuntrarju ta' dak li x-xhieda ddikjaraw fl-affidavit taghhom, kien il-mejjet Giuseppe Vassallo li kien ihallas lil Giovanni Vassallo tax-xoghol li kien jaghmillu fir-raba mertu tal-kawza odjerna 'Tas-Salvatur' jew 'Ta' Lot Lot'.

In oltre mill-atti rrizulta li l-mejjet Giovanni Vassallo kellu diversi porzjonijiet raba ohra li kienu detenuti minnu bi qbiela fosthom l-art maghrufa bhala 'Tal-Arbli' u ohrajn li lkoll ghaddew fil-pussess tieghu b'titolu ta' qbiela minn idejn missieru Giuseppe Vassallo. Fil-fehma tal-Qorti jekk finalment kien veru li missier l-intimati kien ihallas xi qbiela lil missieru, l-probabilita' kienet li l-ammont imhallas kien jirrapprezenta qbiela ta' raba iehor u mhux dak mertu tal-kawza odjerna. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti ma tistax ma tinnutax li x-xhieda biddlu l-verzjoni tal-fatti diversi drabi, dan peress li fid-diversi kawzi li kien hemm bejn il-partijiet, ix-xhieda kienu disposti li jbiddlu l-verzjoni ta' x'titolu kellu l-mejjet Giuseppe Vassallo skont ic-cirkostanzi.

Illi fid-dawl ta' dak kollu suespost il-Qorti tqis li mill-provi prodotti mill-intimati ma giex sufficjentement pruvat sal-grad

rikjest mill-ligi li l-mejjet Giovanni Vassallo kellu titolu ta' qbiela fuq l-art mertu tal-kawza maghrufa bhala 'Tas-Salvatur' sive 'Ta' Lot Lot' fil-limiti tas-Siggiewi u cioe' dik in kontestazzjoni fil-kawza odjerna.

Illi in vista tal-konkluzjoni suesposta l-gurisdizzjoni hija ta' din il-Qorti u mhux tal-Bord ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimati dwar il-gurisdizzjoni u tordna li jitressqu l-provi li fadal fil-mertu.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi it-tieni eccezzjoni tal-intimati dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti billi tghaddi sabiex tichad l-istess u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**24 ta' Frar, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Frar, 2022**